# INFORMATION SHEET

**IKUN IMFAĦĦAR ĠESÙ KRISTU !**

**AŻŻJONI KATTOLIKA MALTIJA**
**ISTITUT KATTOLIKU**
**FLORIANA FRN 1441**
**TEL: 21222239/ 21237031**
**Website: www.akmalta.org**
**Email: infosheet@akmalta.org**

**FRAR 2010** **NUMRU 251**

## MADWARNA

**Assistent Ekkleżjastiku Ġenerali Ġdid -** Għandna l-pjaċir inħabbru li d-Digriet mill-Konferenza Episkopali għall-ħatra tal-Assistent Ekkleżjastiku Ġenerali tal-A.K.M rċevejnih. L-Assistent Ekkleżjastiku Ġenerali tal-A.K.M. l-Ġdid huwa Fr.Paul Chetcuti SJ. Nirringrazzjaw 'l Alla ta' din il-grazzja kbira li tana.
**Tesserament Ċentrali -** Iċ-ċerimonja tat-Tesserament Ċentrali tad-Diriġenti tal-A.K.M. kienet immexxija mill-Assistent Ekkleżjastiku Ġenerali tal-A.K.M l-ġdid Fr.Paul Chetcuti SJ. Kienet ċelebrazzjoni kreattiva ħafna fejn flimkien ġeddidna l-impenn tagħna għal ħidma li qed inwettqu fi ħdan l-A.K.M. Fl-okkażjoni tal-Festa tal-Magħmudija ta' Ġesù għaqqadna l-ħsieb tagħna billi berikna 'l xulxin bl-ilma mbierek simbolu li jfakkarna li wara li nirċievu l-qawwa u l-grazzja rridu nwasslu 'l Kristu lil oħrajn.
**Żjara tal-Q.T. il-Papa f'Malta -** Aħna l-membri tal-A.K.M. irridu nagħtu s-sehem tagħna fil-preparazzjoni spiritwali qabel iż-żjara tal-Q.T. il-Papa fostna. Irridu nagħmlu preżenza fil-parroċċi u bil-ħidma tagħna rridu nwasslu lil dawk li huma mbegħdin mill-knisja biex jgħixu din l-esperjenza huma wkoll.
**IŻ-ŻAK involuta fil-preparazzjonijiet għall-miġja tal-Papa** - Iż-żgħażagħ Azzjoni Kattolika (ŻAK) qegħda tkun involuta fil-preparazzjonijiet li qegħdin isiru għall-miġja tal-Papa f'pajjiżna. Bħalissa l-gruppi għaddejjin bil-preparazzjonijiet tagħhom biex permezz tal-impenn u l-kreattività tagħhom joħolqu opportunità biex iż-żgħażagħ Maltin jipparteċipaw f'katekeżi li qegħdin ikunu organizzati mill-gruppi taż-ŻAK.
**Servizz Ekumeniku ta' Talb għall-Għaqda fost l-Insara -** Dan kien il-qofol tal-attivitajiet li saru fl-Arċidjoċesi matul il-Ġimgħa Ekumenika. It-tema tas-servizz kienet "Intom xhud ta' dan" (Lq 24:48). F'dan is-servizz saret ir-riflessjoni minn Dun Renè Camilleri. Fl-omelija tiegħu huwa fisser il-ħtieġa ta' xhieda fis-soċjetà u kompla jfisser ir-rilevanza tal-messaġġ nisrani, u li dan il-messaġġ, huwa r-responsabiltà tal-insara kollha. Hawn huwa semma lit-teologu Schillebeeckx li miet ix-xahar li għadda, u li kien isostni li m'għandniex nitkellmu dwar ix-xhieda nisranija mhux bħala messaġġ li sar esperjenza, imma dwar esperjenza li saret messaġġ.
**L-Arċisqof jiltaqa' ma' persuni nvoluti fil-ħidma Ekumenika -** L-Arċisqof Mons. Pawl Cremona OP laqa' numru ta' persuni nvoluti fil-ħidma Ekumenika ġewwa l-Arċidjoċesi ta' Malta. Għal-laqgħa kienu preżenti l-membri tal-Kummissjoni Ekumenika Djoċesana, tal-*Malta Ecumenical Council*, saċerdoti u *pastors* mill-Knisja Serba Ortodossa, u mill-Komunità Anglikana, u dik Luterana Evanġelika Ġermaniża. Preżenti wkoll kien hemm il-Kummissjoni EFECW mill-Azzjoni Kattolika Maltija-Fergħa Nisa li huma membri tal-*Ecumenical Forum of European Christian Women*.
**Quddiesa għall-Ġurnalisti -** Fl-okkażjoni tal-festa ta' San Franġisk de Sales, patrun tal-Ġurnalisti, d-direzzjoni ta' Leħen is-Sewwa organizzat Quddiesa għall-ġurnalisti li ġiet iċċelebrata mill-Arċisqof Pawlu Cremona OP. Fl-omelija tiegħu, l-Arċisqof tkellem dwar l-importanza li Alla jagħti lit-tixrid tal-Kelma. L-A.K.M. ħasbet ukoll fl-okkażjoni sabiħa ta' għeluq snin l-Arċisqof Pawlu Cremona li huwa ċċelebra dakinhar billi ppreżentatlu rigal xieraq u qasam il-kejk.
**Tifkira tal-100 sena mit-twelid ta' Dun Mikiel Azzopardi -** Id-Dar tal-Providenza qed tagħmel sensiela t'attivitajiet biex tfakkar l-100 sena mit-twelid ta' Dun Mikiel il-ħabib ta' kulħadd. L-A.K.M. kienet strumentali ħafna biex inxtrat l-art li fuqha nbniet din id-dar. Waqt ċerimonja tal-ftuħ tal-bitħa 'Dun Mikiel' ġo Villa Papa Ġiovanni, d-Dar tal-Providenza, l-Arċisqof Pawl Cremona OP qal li minbarra li niftakru f'Dun Mikiel u nassoċjawh mill-ewwel mad-Dar tal-Providenza ejjew nibdew inħarsu lejn l-ispirtu li bih kien iwettaq il-ħidma tiegħu. L-Eċċellenza Tiegħu semma li saritlu talba biex jinbeda l-proċess twil u diffiċli tal-Kanonizzazzjoni ta' Dun Mikiel Azzopardi.

**Carmen Agius, President Ġenerali**

## KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ

***SOLIDARJETÀ*** Il- Programm 'Solidarjetà' li jixxandar fuq Radju Malta kull nhar ta' Ħadd, fix-xahar ta' Frar se jixxandar f'dawn id-dati :-7, 14, 21 u 28 fis-19:15.

11 ta' Frar:- Jum il-Marid mad-Dinja kollha. Niftakru f'dan il-jum, nitolbu għal ħutna morda u anke nżuruhom!

**Fergha Xebbiet Adulti** - Frar huwa x-xahar ta' San Pawl, Missier il-Maltin, nitolbuh iżomm idejh fuq Malta tagħna minn kull ħsara u deni.

**Eżerċizzi Spiritwali Għar-Romol**
**Il-Kummissjoni Romol tal-Fergħa Nisa tal-Azzjoni Kattolika**
**qed torganizza tlett ijiem Eżerċizzi għar-Romol kollha**
**fis-Sala Mons. Dandria, fl-Istitut Kattoliku Floriana,**
**nhar it-Tnejn 22, it-Tlieta 23 u l-Erbgħa 24 ta' Frar 2010.**
**Nibdew bil-quddiesa mid-9:30 sal-11:00. L-Erbgħa wara l-quddiesa jkollna 'BUFFET LUNCH', fil-**Bella Vista Hotel, Qawra.
**Imexxi Fr Ray Pace S.J. Ir-Romol kollha huma mħeġġa li ma jitilfux din l-opportunita' spiritwali li qed joffrilhom il-Mulej.**

## Attivitajiet għax-Xahar ta' Frar 2010

| | | |
|---|---|---|
| It-Tnejn 1 | Direttorju Ġenerali | Direttorju w entità tal-A.K.M. fis-18:00 Istitut Kattoliku, Floriana |
| L-Erbgħa 3 | Kumm. Ħidma Morda | Forum Jum il-Marid – Morda Sala Dandria, Istititu Kattolik, Floriana. |
| Il-Ħamis 4 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30 |
| | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-18:00 |
| | Direttorju Ġenerali | Laqgħa tad-Direttorju fis-18:00 Istitut Kattoliku, Floriana |
| Il-Ħadd 7 | Fergħa Xebbiet | High Tea – Alexandra Palace Hotel, San Ġiljan. Dettalji f'ċirkulari. |
| Il-Ħadd 7 | Grupp Koppji Miżżewġin | Il-Grupp Koppji Miżżewġin se jorganizzaw nofs ta' nhar irtir.<br>Fejn :- Fid-Dar Ulied Marija Ewkaristika, Ħaż-Żebbuġ<br>Ħin :- Bejn id-9:00 u s-14:00.<br>Imexxi:- Patri William Bartolo O.F.M. conv.<br>Għal aktar informazzjoni ċemplu lill:- Irene/ Manuel Dye – Tel: 21221341; M'Anne/ Anthony Sultana – Tel: 21657706<br>Mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2010. |
| | ŻAK | Suppport group fl-10:00 għand ŻAK Swatar. |
| Il-Ħamis 11 | Fergħa Nisa/ SAS | Laqgħa S.A.S. u Kumitati |
| It-Tnejn 15 | Fergħa Rġiel | Kunsill Ċentrali fil-17:30 |
| Il-Ħamis 18 | Fergħa Nisa/ SAS | Seminar ta' nofs ta' nhar fis-Sala ta' fuq tal-Kummissjoni Emigranti ħdejn il-Barrakka ta' fuq bejn id-9:00 u l-12:15. |
| Il-Ġimgħa 19-21 | ŻAK | Seminar għal membri taż-ŻAK 20+ |
| Is-Sibt 20 | Direttorju u Kunsilli | Ċenaklu fil-Kappella Sagra Familja Zurrieq Road B'Buġia – Viċin il-Knisja Parrokkjali, triq fuq ix-xellug. |
| Il-Ħadd 21 | Fergħa Rġiel | Irtir – Knisja tal-Vitorja, l-Belt mid-9:00 sa 11:45 |
| | Fergħa Xebbiet | Irtir tar-Randan għand is-Sorijiet tas-St Joseph, Rabat, Tluq fid-9:00 mill-Furjana. Dettalji f'ċirkulari. |
| It-Tnejn 22<br>It-Tlieta 23<br>L-Erbgħa 24 | Fergħa Nisa/ Kummissjoni Romol | Tlett ijiem Eżerċizzi Spiritwali għar-romol kollha f'Sala Mons Dandria, Istitut Kattoliku, Floriana. Il-Programm jibda bil-Quddiesa fid-9:30 u wara konferenza. Jispiċċa fil-11:00. Imexxi Fr Ray Pace S.J. L-Erbgħa wara l-quddiesa jkollna Buffett Lunch fil-Bella Vista Hotel, Qawra. |

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TAL-AZZJONI KATTOLIKA

**Servizz bil-Minibuses**

**Nixtiequ nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz. Araw fil-Parroċċa fejn hemm anzjani li ma joħorġux minħabba l-Kundizzjoni tagħhom. Ibbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-Komunità**

Ċemplu fuq 21226920 u ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur Theuma jċempel lura hu stess jew fuq il-*Mobile* No: 99452768 (Joe Theuma Driver). F'każ ta' diffikultż ċemplu l-Uffiċċju SAS: 21220286 u agħmlu l-*booking* tagħkom.

### 'Naħsbu u nanalizzaw b'moħħ nisrani'

**Laqgħat ta' Taħriġ lill-Voluntieri organizzati mis-Segretarjat Asistenza Soċjali (SAS) flimkien mal-Fergħa Nisa u Sezzjonijiet oħra Adulti tal-Azzjoni Kattolika bil-kollaborazzjoni taċ-Ċentru Fidi u Ġustizzja tal-Ġiżwiti. - Imexxi Fr Edgar Busuttil S.J.**

**Sfond għal dawn il-laqgħat ta' taħriġ:**
**Ħafna tbatijiet umani ġejjin minn sitwazzjonijiet soċjali li jkun jeħtieġ l-impenn individwali jew kollettiv ta' nies ta' rieda tajba biex it-tbatija tittaffa.**
**In-nisrani li hu konvint fil-mixja tiegħu jasal biex jorbot il-fidi u l-ispiritwalità tiegħu mal-interess ġenwin f'ħaddieħor speċjalment ma' dawk l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà.**
**In-nisrani ma jistax jiġi ddominat mill-media imma jkun kapaċi jaħseb b'mentalità evanġelika fuq dak li jkun qed jisma' filwaqt li jirrispetta l-opinjoni ta' ħaddieħor.**
**In-nisrani jrid ikun kappaċi jikkundanna l-ħażin imma qatt il-bniedem.**
**Fuq bażi individwali nistgħu nagħmlu ħafna biex intaffu t-tbatija ta' ħaddieħor. Magħquda fi gruppi jew f'għaqda nistgħu nagħmlu ħafna aktar. Nistgħu ngħinu wkoll lil xulxin nikbru u nimmaturaw biex inkunu kapaċi nifhmu u nanalizzaw dak li jkun qed iseħħ madwarna.**

**<u>Laqgħa 11 ta' Frar 2010 f'Sala Dandria Istitut Kattoliku, Floriana mid-9:30 sal-11:00.</u>**
Nirriflettu flimkien:

1. Nistgħu nkunu nsara tajba u fl-istess ħin indifferenti għat-tbatijiet ta' ħaddieħor?
2. Jista' jkun li l-materjaliżmu ta' madwarna qiegħed jikkondizzjonana u ftit ftit jagħlaqna fina nfusna, anki lilna li nipprattikaw it-twemmin nisrani?
3. Inħoss ir-responsabbiltà li nitgħallem biex inkun kapaċi nifhem <u>f'lenti nisranija</u> dak li qed jiġri madwari?
4. Kapaċi niżviluppa f'dawl evanġeliku l-ħsibijiet tiegħi dwar ċerti sitwazzjonijiet soċjali li jkunu qed iseħħu madwari? Mil-liema sors nista' nikseb dan?

**<u>Seminar – il-Ħamis, 18 ta' Frar 2010 f'Dar l-Emigrant il-Belt Valletta – mid-9:00 sal-11:15.</u>**
Eżempji ta' sitwazzjonijiet soċjali li naraw madwarna (Refuġjati, Familji li qed jitfarrku, Żgħażagħ u d-delingwenza, Droga, Xorb, Użura, Faqar Ekonomiku, eċċ).

Kif nistgħu niżviluppaw il-ħsieb soċjali tagħna msejjes fuq it-tagħlim evanġeliku u t-tagħlim soċjali tal-Knisja?

Kif se niżviluppa l-kapaċità li bħala nisrani nagħmel analisi soċjali?
Metodi Prattiċi ta' kif nagħmlu analisi soċjali.
X'għażliet se nagħmlu skont dak li niskopru fl-analisi tagħna permezz tal-ħsieb u l-evalwazzjoni ta' osservazzjonijiet tagħna?

Il-Gwida tal-Pellegrin Nisrani
ta' Basil Hume – € 7.00.



***Dawn il-kotba flimkien ma' ħafna kotba oħrajn kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż u oġġetti reliġjużi jinsabu għall-bejgħ mill-Librerija tal-Azzjoni Kattolika – Furjana.***



***Ħinijiet tal-Ftuħ: Matul il-ġimgħa - 9:00 sa 12:00, u mill-16:00 sas 19:30***
***Tel: 21 237031***
***Għalhekk ixtru r-rigali tagħkom minn din il-Librerija u barra li tkunu qed tagħtu rigal mill-qalb tkunu qed tgħinu lil Azzjoni Kattolika Maltija fil-ħidma tagħha***










Tinsiex iġġedded l-abbonamenti tiegħek fir-rivisti tal-Azzjoni Kattolika għas-sena 2010!!!!




**Fil-14 ta' Frar huwa Jum San Valentinu. Agħħti rigal differenti din is-sena – Ixtri ktieb jew xi rigal sabiħ mill-Librerija tal-Azzjoni Kattolika l-Furjana u filwaqt li tkun qed tagħti rigal speċjali lil maħbub jew maħbuba tiegħek tkun qed tgħin lil Azzjoni Kattolika**



